

32006R1183

4.8.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 214/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1183/2006**tal-24 ta' Lulju 2006****dwar l-iskala Komunitarja għall-klassifika ta' karkassi ta' annimali bovini adulti****(verżjoni kodifikata)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,¹

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

¹ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' April 2006 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² ĠU C 65, 17.3.2006, p. 50.

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1208/81 tat-28 ta' April 1981 li jiddetermina l-iskala Komunitarja għall-klassifika ta' karkassi ta' annimali adulti bovini ¹ ġie emendat sostanzjalment². Għal aktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.
- (2) Skala gradata Komunitarja għall-klassifika ta' karkassi ta' annimali adulti bovini għandha tiġi applikata biex jiġu rreġistrati l-prezzijiet u għall-intervent fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella.
- (3) Il-klassifika ta' karkassi ta' annimali adulti bovini għandha ssir abbażi ta' konformazzjoni u l-grad ta' kopertura ta' xaħam. Il-kombinazzjoni ta' dawn iż-żewġ kriterji tippermetti li l-karkassi jinqasmu fi klassijiet. Il-karkassi hekk klassifikati għandhom ikunu identifikati.
- (4) Sabiex tkun żgurata applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament fil-Komunità, għandha ssir tħejjija minn qabel għall-kontrolli fuq il-post minn kumitat ta' spezzjoni Komunitarju,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

¹ ĠU L123, 7.5.1981, p. 3. Regolament kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1026/91 (ĠU L 106, 26.4.1991, p. 2).

² Ara l-Anness III.

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jipprevedi skala ta' klassifika Komunitarja ta' karkassi ta' annimali bovini adulti.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "karkassa": il-ġisem sħiħ ta' annimal maqtul kif preżentat wara t-tneħħija tad-demm, ta' l-interjuri u l-ġilda, ppreżentat:

mingħajr ir-ras u mingħajr is-saqajn; ir-ras għandha tkun separata mill-karkassa fil-ġog allojdo-oċċipitali u s-saqajn għandhom jinqatgħu mill-ġogi karpametakarpali jew il-ġogi tars-metatarsali,

mingħajr l-organi li jinsabu fil-kavità toraċika u abdominali, bil-kliwi jew mingħajrhom, ix-xaħam tal-kliwi u x-xaħam pelviku,

mingħajr l-organi sesswali u l-muskoli mwaħħla magħhom u mingħajr il-beżżula jew ix-xaħam mammarju;

- (b) "nofs karkassa": il-prodott miksub bis-separazzjoni tal-karkassa msemmija fil-punt (a) b'mod simetriku min-nofs ta' kull vertebra ċervikali, dorsali, lombari u sagraali u min-nofs ta' l-isternu u s-simfisi iskjopubiku.

Artikolu 3

Għall-fini li jiġu stabbiliti l-prezzijiet tas-suq, il-karkassa għandha tiġi ppreżentata mingħajr it-tneħħija tax-xaħam estern, bl-għonq li jinqata' skond il-ħtiġiet veterinarji:

mingħajr kliewi, xaħam tal-kliewi, jew xaħam pelviku,

mingħajr il-falda l-irqiqa jew il-falda l-ħoxna,

mingħajr id-denb,

mingħajr is-sinsla,

mingħajr xaħam ta' l-iskrotu,

mingħajr xaħam fuq in-naħa ta' ġewwa tal-parti ta' fuq,

mingħajr il-vina ġugulari u x-xaħam ta' magħha.

Madankollu, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati li jaċċettaw preżentazzjonijiet differenti meta l-preżentazzjoni ta' referenza ma tintużax..

F'tali każijiet, l-aġġustamenti meħtieġa biex isir progress minn dawk il-preżentazzjonijiet għall-preżentazzjonijiet ta' referenza għandhom jiġu determinati skond il-proċedura msemminja fl-Artikolu 42(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella¹.

¹ ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).

Artikolu 4

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' intervent li japplikaw, il-karkassi ta' annimali adulti bovini għandhom jinqasmu fil-kategoriji li ġejjin:

A. karkassi ta' annimali maskili żgħar mhux kastrati ta' età anqas minn sentejn;

B. karkassi ta' annimali maskili mhux kastrati oħrajn;

Ċ. karkassi ta' annimali maskili kastrati;

D. karkassi ta' annimali femminili li welldu;

E. karkassi ta' annimali femminili oħrajn.

Għandhom jiġu stabbiliti kriterji għad-differenzjar bejn il-kategoriji tal-karkassi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999.

2. Il-karkassi ta' l-annimali bovini adulti għandhom jiġi klassifikati b'valutazzjoni suċċessiva ta':

(a) konformazzjoni, kif definita fl-Anness I;

(b) kopertura ta' xaħam, kif definita fl-Anness II,

3. Il-klassi ta' konformazzjoni indikata fl-Anness I bl-ittra S tista' tintuża mill-Istati biex tingħata konsiderazzjoni, permezz ta' l-introduzzjoni fakultiva ta' klassi ta' konformazzjoni superjuri għall-klassijiet eżistenti (karkassi b'muskulatura doppja), lill-karatteristiċi jew l-iżvilupp mistenni ta' forma partikolari ta' produzzjoni.

L-Istati Membri li għandhom l-intenzjoni li jagħmlu użu minn din il-possibbiltà għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri oħrajn kif meħtieġ.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati biex jissudividu kull waħda mill-klassijiet previsti fl-Annessi I u II f'massimu ta' tliet subklassijiet.

Artikolu 5

1. Il-karkassi u n-nofs-karkassi għandhom jiġu klassifikati malajr kemm jista' jkun wara l-qatla u tali klassifika għandha titwettaq fil-biċċerija proprja.
2. Il-karakassi u n-nofs-karkassi klassifikati għandhom jiġu identifikati.
3. Qabel l-identifikazzjoni bl-immakar, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati biex ix-xaħam estern jitneħħa mill-karkassi jew min-nofs karkassi, jekk dan huwa ġustifikat mill-kopertura tax-xaħam.

Il-kondizzjonijiet li fihom tiġi applikata t-tneħħija tax-xaħam estern għandhom jiġu determinati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999.

Artikolu 6

1. Spezzjonijiet fuq il-post għandhom jitwettqu minn kumitat ta' spezzjoni Komunitarju magħmul minn esperti mill-Kummissjoni u esperti maħturin mill-Istati Membri. Dan il-Kumitat għandu jirrapporta lura lill-Kummissjoni dwar l-ispezzjonijiet imwettqin.

Il-Kummissjoni għandha, jekk adatt, tieħu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li l-klassifika titwettaq fmanjiera uniformi.

Dawk l-ispezzjonijiet għandhom jitwettqu f'isem il-Komunità, li għandha tkun responsabbli għall-ispejjeż li jirriżultaw.

2. Ir-regoli dettaljati biex jiġi applikat il-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999.

Artikolu 7

Dispożizzjonijiet addizzjonali li jispeċifikaw id-definizzjoni tal-klassijiet ta' konformazzjoni u l-kopertura tax-xaħam għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999.

Artikolu 8

Ir-Regolament (KEE) Nru 1208/81 għandu jiġi revokat.

Referenzi għar-Regolament revokat għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VI.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Lulju 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

M. PEKKARINEN

ANNEX I**KONFORMAZZJONI**

Żvilupp ta' profili tal-karkassa, b'mod partikolari l-partijiet essenzjali (it-tondjatura, id-dahar, l-ispalla)

Klassi ta' konformazzjoni	Deskrizzjoni
S Superjuri	Il-profilu kollha estremament konvessi; żvilupp eċċezzjonali tal-muskoli (karkassi b'muskulatura doppja)
E Eċċellenti	Il-profilu kollha konvessi għal super-konvessi; żvilupp eċċezzjonali tal-muskoli
U Tajjeb ħafna	Il-profilu ġeneralment konvessi, żvilupp tajjeb ħafna tal-muskoli
R Tajjeb	Il-profilu ġeneralment dritti, żvilupp tajjeb tal-muskoli
O Mhux ħażin	Il-profilu dritti għal konkavi; żvilupp medju tal-muskoli
P Ħażin	Il-profilu kollha konkavi għal konkavi ħafna; żvilupp dgħajjef tal-muskoli

ANNEX II

GRAD TA' KOPERTURA TA' XAĦAM

Ammont ta' xaħam fuq barra tal-karkassa u fil-kavità toraċika

Klassi ta' kopertura ta' xaħam	Deskrizzjoni
1 baxxa	Minn xejn sa kopertura baxxa ta' xaħam
2 fit	Kopertura ħafifa ta' xaħam, laħam viżibbli kważi kullimkien
3 medja	Laħam, bl-eċċezzjoni tat-tondjatura u l-ispalla, kważi kullimkien kopert bix-xaħam, depożiti ħfief ta' xaħam fil-kavità toraċika
4 għolja	Laħam kopert bix-xaħam, imma fit-tondjatura u l-ispalla għadu parzjalment viżibbli, xi depożiti distinti ta' xaħam fil-kavità toraċika
5 għolja ħafna	Il-karkassa kollha koperta bix-xaħam; depożiti kbar ta' xaħam fil-kavità toraċika

ANNESS III

Regolament revokat ma' l-emenda tiegħu

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1208/81 (ĠU L 123, 7.5.1981, p. 3)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1026/91 (ĠU L 106, 26.4.1991, p. 2)

ANNEX IV

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Regolament (KEE) Nru 1208/81	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2(1)	Artikolu 2
Artikolu 2(2)	Artikolu 3
Artikolu 3(1)	Artikolu 4(1)
Artikolu 3(2), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 4(2)
Artikolu 3(2), it-tieni u t-tielet subparagrafi	Artikolu 4(3), l-ewwel u t-tieni subparagrafi
Artikolu 3(3)	Artikolu 4(4)
Artikolu 4	Artikolu 5
Artikolu 5, l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi	Artikolu 6(1), l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi
Artikolu 5, ir-raba' paragrafu:	Artikolu 6(2)
Artikolu 6, l-ewwel paragrafu	Artikolu 7
Artikolu 6, it-tieni, it-tielet u r-raba' subparagrafu	—
—	Artikolu 8
Artikolu 7	Artikolu 9
Annessi I u II	Annessi I u II
—	Anness III
—	Anness IV